MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 34/8

It-Tlieta 17 ta' Novmebru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena -  Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

034.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

034.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (32(08) [15/09/2020])

034.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

034.4 Sejha ghall-Offerti: ***GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

034.5 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar-Settembru 2020)

034.6 Attendenza tal-Laqghat tal-Kunsill;

034.7 Performance Bonus tal-haddiema taht l-skema tal-CWES

034.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

034.9 Rapporti;

034.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

034.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

034.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u ghaxra ta` filgħaxija (6.10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 034.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologiji.

034.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (32/8 [15/9/2020])**

Dawn il-minuti 32/8 ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 32/8 nem con.

Il-Kunsillier S. Caruana ghamel referenza ghall-prezz ta` sigra li thawwlet fi Triq R.Caruana, fejn is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li hija iccekjajt mall-kuntrattur dwar il-prezz u giet mgharrfa li l-prezz ta` din is-sigra huwa dak ikkonfermat. Il-kunsillier S.Caruana talab sabiex jkun hemm aktar attenzjoni ghal meta jinxtraw dawn it-tip ta` sigar.

**034.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

034.3.1 Is-Sindku stiednet lill-President u Segretarju tal-Banda tac-Cintura sabiex jintervjenu. Il-President tal-Ghaqda ghamel referenza ghat-talba li ntbghatet mill-istess Ghaqda dwar proponiment biex isir statwa tal-Madonna fuq central strip int u diehel fil-Gudja fi Triq R. Caruana. Is-Sindku nfurmathom li l-Kunsill diga` kellhom talba ohra minn Ghaqda ohra biex isir monument fl-istess post. Is-Sindku ziedet tghid li fuq dik ic-central strip hemm hsieb li jsiru xi bollards fejn hemm maghluq bil-konkos u ghalhekk il-Kunsill m`huwiex f`pozizzjoni li jideciedi ghandux isir monument jew le fuq din ic-central strip. Il-Kunsill ghadu qed jiddiskuti ma` TM. Is-Sindku qalet li dan il-mument il-Kunsill jista `jilqa talbiet biss.

Fuq dan is-suggett il-Kunsillier S Caruana qal li ghandhom jinhargu linji gwida ghal meta jkun hemm talba biex isir monument fil-lokalita.

034.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar l-approvazzjoni biex Triq il-Kbira biex isir one way. Il-Kunsill talab sabiex jinbdew ix-xoghlijiet mehtiega biex isiru is-sinjali u tabello mehtiega. Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta dwar l-installazzjoni tal-intellegent lighting. Dwar dan is-Sindku qalet li ser niccekjaw x`konna rcivejna minghand TM.

034.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-avviz li gie preparat sabiex isiru kompetizzjonijiet diversi ghal zmien il-Milied, fejn hemm allokati fondi mir-Regjun Nofsinhar. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsiru tlett kompetizzjonijiet; wahda ghall-isbah faccata mzejjna, ghall-isbah bambin fit-tieqa u ghall-isbah prespeju fit-tieqa mzejjnin. Is-Sindku talbet sabiex jinbdew jitqassmu l-avvizi lil kull residenza.

034.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-fondi li l-Kunsill ha mill-Mizura 4.4, fejn talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-istess Kunsill ikun jista` jiftah kont bankarju mall-Bank Centrali minhabba dawn il-fondi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

034.3.5 Is-Sindku prezentat korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Azzopardi, sabiex il-Kunsill jinomina atleti jew persuni nvoluti fil-kamp sportive fil-lokalita tal-Gudja. Il-Kunsill nomina sitt persuni mill-Gudja li huma nvoluti fi Triathlon, Badminton, Kick Boxing u referee.

034.3.6 Is-Sindku prezentat talba li waslet ghand il-Kunsill sabiex titpogga mejda u burner fejn l-grawnd tal-football tal-Gudja. Il-Kunsill ma laghqax din it-talba.

034.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill gie nfurmat mill-Arbitragg li kawza li l-Kunsill Lokali tal-Gudja kellu mall-kumpanija Pada Builders, kienet intrebhet mill-Kunsill u ghalhekk ifisser li l-Kunsill m`ghandu jaghti l-ebda flus lil din il-kumpanija.

034.3.8 Gew prezentati kwotazzjonijiet sabiex jigu rrangati l-bandli fil-Gnien Raymond Caruana. Il-Kunsill approva l-kwotazzjonijiet prezentati.

034.3.9 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand AKL dwar il-kontroll tal-hamiem, fejn l-istess AKL inghatat is-somma ta` 200,000Euro sabiex jghinnu lill-Kunsilli li ghandhom din il-problema fil-lokalita taghhom.

034.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li giet avvicinata mill-kumpanija The Notebook Centre sabiex il-Kunsill jidhol f`kuntratt maghha u jhallas is-somma ta` hames t`elef ewro, fejn ir-residenti jibbenifikaw minn diversi servizzi marbutin mall-kompjuter fosthom formatting, general service, free anti virus etc u minn juza is-servizz jinghatalhu hamsa fil-mija skont fuq servizzi l-ohra kollha. Wara diskussjoni, l-Kunsill evalwa sew kemm hawn resident li jisghtu jibbenifikaw minn dawn is-servizzi u jekk l-ammont li ser ihallas il-Kunsill huwiex hafna ghad-domanda.

034.3.11 Is-Sindku prezentat korrispondenza li ntbghatet mill-Arcipriet u l-Kap tal-MCAST dwar ghajnuna li qed tintalab mill-Kunsill sabiex titbaxxa l-bankina ta` quddiem il-Kapella ta` Santa Katerina fi Triq R. Caruana. Is-SIndku talbet sabiex il-Kunsill jibghat lir-Regjun jekk jistax jibghat xi haddiema minn naha tieghu biex dan ix-xoghol ikun jista` jitwettaq.

034.3.12 Prezentata l-pjanta li giet preparata mill-perita tal-Kunsill dwar il-parkegg ta` Triq Bir Miftuh. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel mall-proposta numru 2 (103 parking spaces). Il-Kunsill talab sabiex ninfurmaw lill-perita li fil-parti ta` isfel ta` triq ghadha kif saret bankina gdida li x`aktarx ma ttihdietx konsiderazzjoni taghha. Il-Kunsill qed jara li kif inhu proponut ser ikun hemm problema biex jghaddu vanijiet u trakkijiet kbar peress li triq djieqet bil-bankina.

034.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba li saret mill-impjegata tal-Kunsill, sabiex tibda tahdem certu hinijiet mid-dar ghal fatt li hija persuna vulnerabli u sitwazzjoni li qeghdin fiha tal-pandemija. Barra minnhekk kien hemm talba wkoll sabiex tiehu sena unpaid leave wara l-maternity leave. Is-Sindku proponiet li unpaid leave ghandu jinghatha lill-impjegata u l-Kunsill ghandu jingagga persuna gdida. Rigward talba biex tahdem mid-dar, wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-impjegata ghandha tahdem xi sighat mid-dar u sighat mill-ufficcju meta l-Kunsill ikun maghluq ghan-nies. Dwar l-ingagg ta` peruna gdida mall-Kunsill ma tiehditx decizjoni.

**034.4 Sejha ghall-Offerti:** ***GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

034.4.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li wara li l-Kunsill ipprezenta d-dokumenti kollha lill-PCRB u nstemma l-appell, il-Kunsill gie mgharraf li sentenza inqghatet favur il-Kunsill. Is-Sindku ziedet tghid li l-kuntrattur il-gdid SRF Cleaning beda jaghti servizz tieghu mill-1 ta` Novembru 2020.

**034.5 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar-Settembru 2020)**

034.5.1 Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar – Settembru 2020), liema rapport gie ccirkulat minn qabel. Il-Kunsill approva b`mod unanimu dan ir-rapport.

034.6 **Attendenza tal-Laqghat tal-Kunsill**

Dan l-item ma giex diskuss.

034.7 **Performance Bonus tal-haddiema taht l-skema tal-CWES**

034.7.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-performance appraisal tal-haddiem li jaqghu taht l-iskema tal-CWES, fejn prezentat l-appraisal li gie preparat mis-Segretarju Ezekuttiv, fejn proponiet li dawn ir-rapporti jigu approvati. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku rrimarkat li ghandu jsir aktar xoghol b`attenzjoni minn dawn il-haddiema.

034.8 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

034.8.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex hekk kif qeghda sir Triq Bir Miftuh, il-Kunsill jinfoma lill-kuntrattur biex ma jinghatax tarmac fid-dahla tal-Gnien il-Qari imma jithalla fl-istat naturali taghha.

034.8.2 Il-Kunsillier S Caruana informal il dawk prezenti dwar bbq`s li qeghdin isiru matul tmien il-gimgha fil-Gnien il-Qari, sabiex il-Kunsill jinforma lill-awtorijiet sabiex dan ma jibqax isir. Il-Kunsill ser jinforma lill-LESA dwar dan.

034.8.3 Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex il-Kunsil jinforma lill-kumpanija li tiehu hiseb it-tbattil tal-IBINS sabiex it-tbattil isir aktar spiss peress li qed ikunu mimlijin regolarment, specjalment il-bins tal-hgieg. Is-Sindku talbet sabiex ninfurmaw lill-kumpanija Green Pak.

034.9 **Rapporti**

Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (gie diskuss f`item no. 34.5)

034.10 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**
**b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
**c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-pavimentar li l-Kunsill jixtieq li jaghmel quddiem il-kapella ta` Loretu. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv iccekjajt mall-PA dwar il-fondi tal-DPF, jekk dawn jisghtux jintuzaw ghal dan it-tip ta` xoghol (progett). Dwar dan il-Kunsill ghad m`ghandhux risposta jekk il-fondi jisghtux jintuzaw. Il-Kunsill approva unanimament li dan il-pavimentar ghandu jsir.

Is-Sindku talbet sabiex isir Change Request biex jigi mgedded iz-zmien tal-progett sa` l-ahhar ta` Marzu 2021. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku talbet sabiex isir decizjoni fuq liema toroq ser isiru miflok dik li saret mill-Kunsill ta` Hal Ghaxaq. Is-Sindku proponiet li sir Trejqet Habel Wati u l-Vici Sindku talab li sir Sqaq il-Logga. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**d. Ġnien Raymond Caruana – progress**
**e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

034.11 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Dan l-item ma giex diskuss.

034.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha u ghaxra ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa ta` kontinwazzjoni għal nhar il-Hamis 19 ta` Novembru 2020 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Hamis 3 ta` Dicembru 2020

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |